**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 292/2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Conrad Bajada**

**Illum, 10 ta' Settembru,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, **Conrad Bajada** detenur tal-karta tal-identita Maltija **263968M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Bl-intenzjoni li tikkawża dwejjaq, hsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, żvelajt xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film u ċioè ta' Sylvana Brannon;

2. U talli fl-istess dati, lokijiet, hinijiet u ċirkostanzi l-imġieba tiegħek ammontat ghall-fastisju u segwiment ta' persuna bil-mohbi ta' Sylvana Brannon;

3. U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddidt lil Sylvana Brannon;

4. U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamilt użu iehor mhux xieraq bih;

5. U aktar talli fl-istess dati, lokijiet, hinijiet u čirkostanzi l-imġieba tiegħek ikkagunajt lil Sylvana Brannon biżà li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta tagħha jew kontra persuna jew propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artikolu 222(1);

6. U aktar talli fl-istess dati, lokijiet, hinijiet u čirkostanzi tajt fastidju lil Sylvana Brannon, u b'mod li tkun taf jew li kien imissek tkun taf li dan kien ta' fastidju għal Sylvana Brannon;

7. U aktar talli fl-istess dati, lokijiet, hinijiet u ċirkostanzi inġurjajt jew heddidt, jew hekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Sylvana Brannon.

Il Qorti giet mitluba wkoll sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal- kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'az ta' htija ma kull piena il l -Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' 13 ta' Lulju 2023, fejn ma sabitx lil Conrad Bajada hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u lliberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali , preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fit 8 ta' Awwissu , 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

**Tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tieghu u tinfliggi piena skont il-ligi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**<u>L-ewwel aggravju li qieghed jiġi mressaq mill-appellant Avukat Generali huwa dwar l-istqarrija tal-imputat</u>**

Illi fl-umli opinjoni tal esponenti Avukat Generali, L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta skartat l-istqarrija tal-imputat u qisitiex bhala prova f'dawn il-proceduri, u ghalhekk ghamlet apprezzament żbaljat tal- provi meta hija ġiet sabiex tippronunzja s-sentenza taghha f'dan is -sens.

Illi appellat Conrad Bajada meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu,ghal kem mux assistiet waqt l-interrogazzjoni , madankollu fl-istess stqarrija huwa jiddikjara u jikkonferma, li inghata d-drittijiet tieghu kollha,fehem li seta ma jirrispondiex ghal xi domanda jew ghall-ebda domanda li ssirlu , u aktar min hekk ikkonferma wkoll li eżerċita d-dritt li jikkonsulta m' avukat tal fiduċja tieghu fil fatt kien tkellem mal-avukat tal-fiduċja tieghu Dr. Arthur Azzopardi hekk kif imniżżel fl listess stqarrija ( formanti parti mill-atti processwali u mmarkata bhala Dok.JS1). Din l-istess stqarrija, L-Appellat Conrad Bajada ghazel li jiffirmaha wkoll fil-prezenza tal-ispettur u memebru iehor tal korp tal pulizija.

Illi di piu, l-appellat Conrad Bajada, volontarjament ghazel li jixhed fil-mori tal-proċeduri u fil-fatt taha x-xhieda tieghu bil ġurament quddiem l-ewwel Qorti nhar it -tlettax (13) ta Ottubru tas -sena elfejn u wihed u ghoxrin (2021)

Illi matul din ix-xhieda, lill-appellat issirlu referenza lejn l-istqarrija u li huwa kien ta' waqt l-interrogazzjoni tiegħu, u jerġa' jikkonferma l-appellat quddiem l-Ewwel Qorti li r-ritratti mertu tal-kawża kienu ritratti li huwa biss kellu aċċess għalihom għaliex kienu parti mir-relazzjoni intima li huwa kellu ma' Sylvana Brannon.

Illi hekk kif joħroġ mill-ġurisprudenza nostrana, meta akkużat jagħżel li jagħti l-verżjoni tiegħu bil-ġurament quddiem il-Qorti li tkun ser tiġġudikah, u fl-istess xhieda huwa jagħmel referenza għal stqarrija li jkun irrilaxxa waqt l-interrogazzjoni, l-istess akkużat ikun qiegħed jabbraċċja u jagħmel tiegħu dik l-istess stqarrija.

Illi *di piu*, l-appellat fl-ebda punt tal-kawża ma qanqal l-eċċezzjoni dwar l-inammissibilità' tal-istqarrija tiegħu, u fil-fatt ma hemm xejn imniżżel f'dan ir-rigward fl-atti proċesswali. Ġialadarba l-appellat ma kienx qed jikkontesta l-fatt illi l-istqarrija tiegħu ttieħdet skont il-liġi, ġialadarba huwa għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda u anke ikkonferma punti mill-istess stqarrija, l-Ewwel Qorti qatt ma seta' jirriżultalha li l-istqarrija tal-appellat kienet prova inammissibbli, u għalhekk tali stqarrija għandha titqies bħala prova ammissibbli tal-prosekuzzjoni.

**<u>It-tieni aggravju li qiegħed jiġi mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali huwa dwar l-apprezzament tal-provi</u>**

Illi fl-umli opinjoni tal-Avukat Ġenerali, l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-apprezzament tal-provi li hija għamlet, meta għaddiet sabiex tillibera lill-appellat. L-appellant hawnhekk jirrileva li fl-atti proċesswali hemm provi biżżejjed, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, sabiex tirriżulta ir-reità.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lil Sylvana Brannon quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tagħti l-verżjoni tagħha rigward l-akkadut, u l-istess Brannon ippreżentat diversi provi, li hija stess ikkonfermat bil-ġurament, liema provi jsaħħu t-teżi tal-prosekuzzjoni u jippruvaw l-akkużi kollha ddebitati lill-appellat.

Illi l-prosekuzzjoni resqet ukoll lil Travis Leigh Brannon sabiex jixhed quddiem l-Ewwel Qorti, fejn l-istess Brannon ikkonferma li r-ritratti ta' natura sesswali li huwa kellu f'idejh, kienu għaddew lilu mill-appellat Conrad Bajada, meta Bajada kien avviċinah u offrilu li jgħaddielu dawn ir-ritratti sabiex Travis jużahom kontra Sylvana

Brannon fil-kawża Ċivili li huma kellhom quddiem il-Qorti tal-Familja, u sabiex fi kliem Conrad Bajada stess, ikissruha.

Illi l-Ewwel Qorti, kellha quddiemha każ ta' *revenge porn* bħala l-akkuża prinċipali, u għalhekk l-appellat hawnhekk se jagħmel referenza għal dan ir-reat li huwa kkontemplat f'artikolu 208E tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dak diskuss fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjonijiet ta' abbozzi ta' Liġi nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2016:

**ONOR. OWEN BONNICI:** Din hija dik li jgħidulha r-*revenge porn* li pajjiżna huwa t-tielet pajjiż fl-Ewropa li issa qed jagħmilha bħala reat għax, sakemm ippreżentajna dan l-Abbozz, kien hemm pajjiż ieħor li ssuperana però ftit huma l-pajjiżi li għamluha. Qed ngħidu li jekk inti tkun f'relazzjoni – anke jekk ma tkunx, imma normalment meta jkun hemm relazzjonijiet li ma rnexxewx li jsiru dawn l-affarijiet – u forsi f'mument intimu tibgħat ritratt lill-*partner* tiegħek – dejjem nagħti parir biex din ma ssirx, imma hawn min jagħmilha – imbagħad, għax wieħed ikun telaq lill-ieħor, bħala vendetta joqgħod ixerred ir-ritratti lil ħaddieħor. Dak issa sar reat kriminali serju ħafna li, jekk jinstab ħati, wieħed jista' jeħel priġunerija għal żmien sentejn, jew multa ta' mhux inqas minn €3,000 u mhux iktar min €5,000, jew it-tnejn flimkien.

[...]

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Naħseb li f'dak li jirrigwarda l-iżvelar mhux konsenswali ta' *films* u ritratti privati, tajjeb li nagħmlu ftit distinzjoni bejn xi jkunu r-relazzjonijiet, jiġifieri meta xi ħadd joħroġ ir-ritratti biex jagħmel ħsara lil ħaddieħor, imbagħad meta xi ħadd qiegħed jagħmel użu minn dawn ir-ritratti għal rikatti oħrajn. Jien kont tkellimt fuq dan il-punt, jiġifieri li wieħed jagħmel distinzjoni meta jkollok sitwazzjoni ta' *blackmail* ukoll involut, u allura jekk wieħed għandux jagħmel aggravju separat u distint. Jiġifieri, żewġ persuni tal-istess sess jew ta' sess differenti li, biex ipattuha lil xulxin – jew anke jekk mhux neċessarjament biex ipattuha

lil xulxin – qed jesponu fil-pubbliku ritratti li huma żvelati fil-privat. Jien qed nara tliet sitwazzjonijiet.

[...]

Għax f'artikolu 208E (1), li hemm fi klawsola 6, jingħad hekk: *"Kull min, bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq jew ħsara emozzjonali, ..."* Indejqek biss jew nagħmillek ħsara emozzjonali; jiġifieri, jekk irrid nagħmillek ħsara ta' dannu, mhux ħsara emozzjonali biss, intellfek il-post tax-xogħol tiegħek, jew noskurak fil-pubbliku, jew nagħmillek azzjoni għal xi raġuni oħra.

Artikolu 208E (1) ikompli jgħid hekk:

*"... jiżvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film, jeħel ..."*

Il-frażi "mingħajr il-kunsens" hija tajba għax, jekk ikun hemm il-kunsens, allura qed taċċetta inti, imma għandu jkun hemm element ta' xi ħaġa li turi *mala fede*.

Nagħtu każ jien ma tajtekx il-kunsens għaliha, imma inti għamiltha mingħajr ħsieb ħażin, għamiltha bi żball, allura hawnhekk tiġi li qed tikkawża dwejjaq, qed tikkawża ħsara emozzjonali, però ma kellekx l-intenzjoni la li tikkawża dwejjaq u lanqas li tagħmel ħsara emozzjonali, imma dejjem saret mingħajr il-kunsens ta' dik il-persuna.

[...]

**DR PETER GRECH (Avukat Ġenerali):** Dan ir-reat li qed jiġi introdott huwa reat speċifiku mhux ħażin, fis-sens li l-elementi tiegħu huma l-intenzjoni li tikkaġuna dwejjaq jew ħsara emozzjonali, jiġifieri s-*circumstantial evidence* trid tindika li dak li jkun mhux kien qed jilgħab bit-*telephone* u kumbinazzjoni dan ir-ritratt spiċċa għand xi ħadd, imma jkun hemm assjem ta' ċirkostanzi li juru li kien hemm animu li lil dak

li jkun jikkaġunalu ħsara jew dwejjaq. Ir-ritratti jew *film* irid ikun ta' natura sesswali, u din hija definite wkoll b'mod li ma tinkludix affarijiet li huma tal-ħajja ta' kuljum, għax is-sesswali għandha tinkludi r-rappreżentazzjoni ta' kull jew parti mill-ġenitali esposti ...

Illi fil-każ odjern naraw kif il-fatti tal-każ jikkombaċu ma' dak kollu li kellu f'moħħu l-leġislatur meta introduċa artikolu 208E (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Matul il-kawża, l-prosekuzzjoni ressqet provi fejn juru li l-appellat Conrad Bajada żvela r-ritratti intimi ta' Sylvana Brannon, mal-eks raġel tagħha Travis Leigh Brannon, sabiex dan tal-aħħar jirbaħ il-kura u l-kustodja ta' ulied il-konjugi Brannon.

Illi *di piu*, il-Qorti tal-Familja, wasslet ukoll għall-konklużjoni, minn dak prodott quddiemha, li r-ritratti prodotti minn Travis Leigh Brannon, waslu għandu mingħand l-appellat Conrad Bajada, u dan wara li kemm Travis Leigh Brannon, u wkoll l-appellat xehdu quddiem l-istess Qorti u kkonfermaw li kien Bajada li żvela r-ritratti intimi ta' Sylvana Brannon, ma' Travis Leigh Brannon.

Illi Sylvana Brannon ippreżentat ukoll quddiem l-Ewwel Qorti, diversi messaġġi fejn juru lill-appellat Conrad Bajada jgħidilha li huwa kien ser jiltaqà mal-eks raġel tagħha Travis Leigh Brannon, sabiex jgħinu ħalli jkissruha. Dawn il-messaġġi, flimkien max-xhieda bil-ġurament ta' Travis Leigh Brannon, flimkien mal-istqarrija tal-appellat Conrad Bajada u x-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti tal-istess Bajada, fejn mhux talli ma kkontestax dak minnu mistqarr fl-istqarrija, iżda talli kkonferma kemm jobgħod lil Sylvana Brannon, jipprovaw mingħajr dubju dettat mir-raġuni li r-reat taħt l-artikolu 208E (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, seħħ mill-appellat Conrad Bajada.

Illi l-prosekuzzjoni, permezz tax-xhieda ta' Sylvana Brannon, hekk kif mgħejjuna minn messaġġi preżentati in atti, ippruvat ukoll mingħajr dubju dettat mir-raġuni, il-biża' kontinwa li kienet tinsab taħtha Sylvana Brannon, it-theddid li kienet iġġarrab mill-appellat Conrad Bajada, u wkoll il-fatti li l-istess Bajada, matul dan kollu kien qed

jagħmel użu mhux xieraq ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jasal għall-ħsieb ta' moħħu u jkisser lill-istess Sylvana Brannon.

Illi *di piu*, l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta fis-sentenza tagħha ssemmi li l-prosekuzzjoni ma tellgħatx dawk ix-xhieda kollha neċessarji sabiex ikomplu jikkonfermaw il-verżjoni tal-*parte civile*, il-verżjoni ta' Travis Leigh Brannon, u l-messaġġi esebiti *in atti*, u dana għaliex ix-xhud li rreferiet għaliha l-Ewwel Qorti hija mart l-appellat Conrad Bajada, u għalhekk din hija xhud inkompetenti f'għajnejn il-liġi u qatt ma setgħet tittella tixhed.

Illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta għamlet l-apprezzament tal-provi prodotta mill-prosekuzzjoni u lliberat lill-appellat Conrad Bajada, għaliex hekk kif premess aktar 'l fuq, u hekk kif ser jiġi trattat waqt l-appell odjern, l-Ewwel Qorti kellha provi biżżejjed, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, sabiex tirriżulta ir-reità.

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom har il-11 ta' Lulju, 2024.

**<u>Ikkunsidrat</u>**,

Illi dan huwa appell minn proceduri ta' natura sommarja. Dan sahansitra huwa rifless fl-ewwel verbal quddiem l-Ewwel Qorti fejn a fol. 8 tal-process gie ritenut hekk:

> *'Il-Qorti infurmat lil imputat bid-drittijiet tieghu a tenur tal-Artikolu 392 tal-Kodici Kriminali ghalkemm dawn huma procedure ta' natura sommarja.L-imputat tenna li mhux hati.'*

B'referenza ghall-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali, specifikament is-sub-inciz (1)(b), il-ligi tipprovdi illi fi proceduri sommarji, l-Avukat Generali ghandu dritt jappella fis-segwenti cirkostanzi:

b*) f'każijiet li għandhom x'jaqsmu* ***ma' proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali*** *taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:*

*(i) l-qorti inferjuri taqta' li ma jkollha ebda ġurisdizzjoni li tittratta r-reat;*

*(ii) il--fatt li dwaru jkun instab ħati l-imputat jista' jinkorri piena li tkun teċċedi l-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali;*

*(iii) il-piena mogħtija mill-qorti inferjuri tkun, minħabba fix-xorta jew kwantità tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-parti misjuba ħatja tkun ingħatat sentenza;*

*(iv) l-imputat jew l-intimat jiġi liberat minħabba f'li –*

*(i) l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat,*

*(ii) l-azzjoni tiġi estinta,*

*(iii) ikun hemm sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni preċedenti;*

*(v) l-intimat, f'każ li fih ikun ġie permess li jipprova l-verità tal-fatt attribwit lill-kwerelant kont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 253, jiġi dikjarat bħala eżenti mill-piena*

*(vi) l-Pulizija, jew, skont il-każ, il-kwerelant ma jkunx ġie permess waqt il-kawża li jipproduċi, b'appoġġ għall-akkuża, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-liġi*

*(vii) l-parti akkużata kienet inħelset minn xi waħda mill-obbligazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 321 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jew fl-artikolu 377 ta' dan il-Kodiċi, jew mill-osservanza ta' xi projbizzjoni magħmula, jew mill-osservanza jew mill-esekuzzjoni ta' xi projbizzjoni jew ordnijiet magħmula jew mogħtija, mill-pulizija jew minn kull uffiċjal pubbliku ieħor, taħt il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jew taħt kull liġi oħra;*

*(viii) id-deċiżjoni tal-qorti inferjuri hija nulla minħabba nuqqas ta' formalità jew minħabba ħtiġiet ta' proċedura;*

Illi kif diga gie ritenut *supra*, dan hu appell minn proceduri ta' natura sommarja fejn id-dritt t' appell tal-Avukat Generali huwa limitat skond l-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Illi stante c-cirkustanzi provduti *supra*, u cioe' mis-sub-incizi (i) sa (viii), ma jirrizultawx fil-kaz odjern, allura l-Avukat Generali ma setax jappella fir-rigward tal-imputazzjonijiet li r-reati martbuta maghhom isibu l-bazi taghhom fil-Kodici Kriminali.

Min-naha l-ohra, l-Avukat Generali seta' jappella biss fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet li jipprovdu ghal reat bi ksur tal-Artikolu 49(a) u (c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peess li l-Artikolu 51(2) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> *'Minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi Kriminali, il-prosekuzzjoni* ***tista'***[1] *tagħmel appell quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti kontra kull sentenza mogħtija fi proċedimenti dwar reat taħt dan l-Att'*

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tippronunzja ruhha biss dwar l-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tielet u r-raba' mputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**,

Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[2] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-*

[1] Enfasia din l Onorabbli qorti

[2] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[3]" [12.5.94]; "**Ir-Repubbllika ta' Malta vs. George Azzopardi**[4]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[5]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[6]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[7]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on*

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[7] 1969] 1 QB 276.

*the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[8]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[9] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-

[8] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[10] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[11]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u

---

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[11] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[12] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[13] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [14] jghid:

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[13] 1997 Edition Para 10-3.
[14] 1952.

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[15]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[16] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[17] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

---

[16] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[17] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

**L-NPS Report**[18] jipprovd illi l-parte civile Sylvana Brannon kienet marret l-ghassa tal-Fgura tibki li f'dawn l-ahhar zmien l-ex partner taghha Conrad Bajada kien qalilha li darba dahal id-dar taghha minn fuq il-bejt sabiex jitfala l-actu f'wiccha. Mistoqsija meta, hija qalet li ma tafx, izda li gara kien bejn Marzu u Lulju. Matul dan iz-zmien hu baqa' jdejjaqha b'telefonati u messaggi, kif ukoll qalilha xi kliem ta' theddid u nsulti fuq messenger u ghalhekk hija xtaqet tiehu passi fil-konfront ta' Bajada. Dan tal-ahhar gie mitkellem mill-pulizija fejn kien qal li mhux vera kien qalilha li ried jitfala l-actu f'wiccha. Hu stqarr ukoll li f' Mejju 2015 kienet ihhekjatlu l-mobile bdiet tibghat messaggi lilha nnifisha bil-profile tieghu u qal li jista' jkun gara l-istess. Hu qal li hi kienet qed taghmel hekk ghax hadulha t-tfal. Bajada qal ukoll illi ma setax ikellimha permezz ta' messenger ghaliex kien blocked. Sussegwentament ghal meta l-parti leza ghaddiet ic-chats, inhargu l-akkuzi.

**PC 195 Melvin Calleja**[19] xehed permezz t'affidavit fejn qal li nhar it-22 ta' Lulju, 2016 Sylvana Brannon kienet marret l-ghassa tal-Fgura tirraporta lill-ex partner taghha Conrad Bajada fejn kien qalilha li darba dahal id-dar taghha minn fuq il-bejt sabiex jitfala l-actu f'wiccha. Brannon qalet li dan gara bejn Marzu u Lulju 2016. Matul dan iz-zmien hu baqa' jdejjaqha b'telefonati u messaggi. Hu kellem lil Bajada fejn qal li mhux vera kien qalilha li ried jitfala l-actu f'wiccha. Hu stqarr ukoll li f' Mejju 2015 kienet ihhekjatlu l-mobile bdiet tibghat messaggi lilha nnifisha bil-profile tieghu u qal li jista' jkun gara l-istess. Hu qal li hi kienet qed taghmel hekk ghax hadulha t-tfal. Bajada qal ukoll illi ma setax ikellimha permezz ta' messenger ghaliex kien blocked u hu wrieh il-messanger tieghu u Brannon ma kienet tidher imkien. Sussegwentament ghal meta l-parti leza ghaddiet ic-chats, inhargu l-akkuzi. Gimghatejn wara, Brannon gabitlu c-chats li fihom kien jidher li Bajada kellu xi hsieb li jaghmlilha l-hsara, fejn anke kellu pjan u beda jbezzaha.

---

[18] Fol. 15 et seq tal-process.
[19] Fol. 18 et seq tal-process.

**Spettur John Spiteri**[20] xehed nhar is-7 ta' Marzu, 2017 fejn qal illi nhar is-27 t' Awwissu, 2016 il-parti leza marret gewwa l-ufficju tieghu u dan wara li marret taghmel diversi rapport fl-ghassa. Brannon spjegatlu li kienet f'relazzjoni mal-appellat u f' Marzu 2016 din ir-relazzjoni ntemmet. Hija spjegat illi minn meta dan gara hija sfat vittma u kienet indunat anke li l-appellat kien qed isegwiha, u jibghatilha messaggi ta' theddid u li ser tintuza vjolenza kontriha fost ohrajn. Spjegat illi bejn Marzu 2016 u Settembru 2016 hija kienet rceviet messaggi fejn jindikaw li filwaqt li hija kienet imsiefra, l-istess appellat seta' kellu access ghad-dar taghha u f'dawn il-messaggi spjegalha li l-intenzjoni tieghu kienet li jidhol biex joqtolha. Brannon qaltlu illi l-appellat kellu pjan ta' kif kien ser joqtolha u spjegalha wkoll il-mod ta' kif kien ser iwettaq dan id-delitt. Spjegalha wkoll li kien accessa r-residenza taghha fejn Brannon kienet hemm flimkien ma uliedha u spjegalha li ma wettaqx dak li kellu f'mohhu ghax kien hemm it-tfal. Brannon spjegat ukoll illi kien hemm ritratti taghha li kienu gew trasmessi waqt li kienu f'relazzjoni flimkien u dawn ir-ritratti Bajada kien qalilha li kien ser juzahom sabiex ikissirha. Brannon spjegatlu li f'xi zmien f'Awwissu kienet irceviet rikors mill-Qorti tal-Familja fejn l-ex- ragel taghha kien pprezenta ritratti ndicenti taghha li hija kienet certa li dan ir-ritratti kienu xi darba fil-pussess tal-appellat u minhabba dan hija tilfet il-kustodja tat-tlett itfal taghha. Huwa kien kiseb mandat t'arrest u sussegwentament gie arrestat l-appellat mill-Kullegg ta' De La Salle.

**Sylvana Brannon**[21] xehedet nhar is-7 ta'Marzu, 2017 fejn spjegat illi hija kellha relazzjoni intima mal-appellat li originarjament kienet iltaqghet mieghu fuq Facebook. Tghid li huma kienu hassru diversi drabi u darba minnhom kien baghtilha l-kliem *'I will destroy you and I will not stop until I see your children taken away from you'*. Spjegat ukoll kif darba minnhom rceviet messagg minghand l-ex mara tieghu, Ingrid Anastasi, fejn qaltilha illi li l-appellat kien tefa' ritratti taghha fuq Facebook fuq xi profil falz ghaliex kienet timmoniterjalu l-profili foloz tieghu. Spjegat kif l-appelat kellu vizzju jiaghmel profili foloz sabiex jigratifika l-fantasiji sesswali tieghu li jinvolvu li hu jilbes ta' mara, jitkellem ma rgiel ohra u joqghod juriom partijiet minn

[20] Fol. 34 et seq tal-process.
[21] Fol. 39 et seq tal-process.

gismu u lilu nnifsu lebes ta' mara. Hi taf dan kollu ghaliex kienet tarah jaghmel dawn l-affarijiet. Hu kien jibghat ukoll ritratti taghha lin-nies li kien jitkellem maghhom. Tghid illi l-ex-mara tal-appellat kienet avzatha b'dan kollu. Hija spjegat illi kienet taghraf lilha nnifisha f'dawn ir-ritratti li hu kien jippostja bhal ma jidher f'SB2.

Sylvana Brannon[22] regghet xehedet nhar is-16 ta' Mejju, 2018 fejn regghet tenniet illi hija kienet f'relazzjoni mal-appellat minn July 2014 sa Marzu 2016. Ftit wara li ntemmet ir-relazzjoni huwa kien baghtilha messagg fejn kien qalilha li kien sejjer ikellem lill-ex ragel taghha u lis-siehba tieghu. Spjegat illi dak iz-zmien kienet ilha separata minn mal-ex-ragel taghha ghal aktar minn ghaxar snin. Dan tal-ahhar kien baghtilha li hija thalli lil uliedhom wahedhom, li hija *internet pornstar* u li kellu fil-pussess tieghu ritratti sesswali taghha. Kienet taf li l-appellat kellu xi ritratti taghha u allura assumiet li kien ghaddijomlu hu. Sussegwentament, l-ex-ragel taghha intavola proceduri quddiem il-Qoti tal-Familja fejn esebixxa dawn ir-ritratti u hija tilfet il-kustodja tat-tlett uliedha. Hija tghid illi dawn ir-ritratti kellu biss l-appellat u li hi ma kienitx toqghod titfa ritratti taghha bla hwejjeg 'l hemm u 'l hawn. Illi saret kawza civili u l-ex-ragel taghha kien ammetta li kien iltaqa' mal-appellat u li dan tal-ahhar ghaddielu r-ritratti. Dan kollu sar wara li diga' kienet ghamlet rapport lill-Ispettur. Hi fil-fratemp kienet ippruvat tkellem lill-appellat sabiex tara x'gara. Dan tal-ahhar beda jghidilha li ma kienx hu li ghaddielu r-ritratti u fil-fatt kien ammetta "*I want to hurt you, I took those pics, I did that Facebook*" b'referenza ghall-fake profile "*And I am ready to testify for my wrongdoing*". Hija pprezentat kopja ta' proceduri Civili fejn l-ex ragel taghha kien qal li gie mghoddi r-ritratti intimi tal-parti leza mill-appellat. L-appellat kien qalilha li din tar-ritratti ma kienx hu izda xi had kien ghamillu hack il-mobile u ghadda r-ritratti lir-ragel taghha . F'chat ohra kien qalilha '*I kept asking you to let me help you and witness for you. No other man would do it. I could have easily backed off and say "U iva I am not in those pics!" nobody can prove that it was me who did that fake Facebook and took the pics. After all it is her body that us showing not mine. Imma jien mhux L***. I take the blame for my wrongdoing like I always did when I wrong.*' Spjegat illi kienet qed tipprova tifhem x'gara u minn fejn gew ezatt dawn ir-ritratti jekk hux minn ghand

[22] Fol. 84 et seq tal-process.

Conrad, Travis jew Ingrid u kif xi haga li ghamlet fil-hajja privata taghha waslitha sabiex tilfet l-ulieda. L-appellat kien ghadu qed icemplilha, jmur quddiem id-dar taghha u jhallilha noti mal-windscreen u allura nhar it-28 ta' Mejju, 2016 accettat li taffacjah face-to-face. Kienet marret fir-residenza tieghu u kien stordut, taht l-effet tal-pirmli u alkohol. L-appellat beda jipprova jaghmel certu avvanzi fuqha izda hi ccarat illi kienet marret hemm sabiex tifhem x'kien qed jigri. Hu tefghalha l-mobile u qalilha sabiex ticcekja li ma kien tkellem ma hadd waqt li ma kienux flimkien. Brannon dahlet fil-Whatsapp u sabet chat bejnu u bejn l-ex-mara tieghu Ingrid, hi dahlet fiha ghaliex riedet tifhem ghaliex Ingrid kellha dawn ir-ritratti. Hi rat isimha u frazi '*We are going to frame her*'. Spjegat kif dak il-hin qabadha biza u panik u qabdet u baghtet ic-chat lilha nnifisha b'email u telqet mingahndu. Minn dakinhar hija waqfet tkellmu ghal kollox. F'din ic-chat kien hemm miktub illi Ingrid wriet dawn ir-ritratti lil Habiba taghha. F'din ic-chat kien hemm miktub ukoll li l-appellat kien se jghin lil Travis u li se jghidlu kollox. Kien tkellem ukoll mal-*girlfriend* tal-ex ragel taghha. Fic-chat l-appellat lil Ingrid qalilha wkoll li kien ser jiltaqa' ma Travis u Eric. Dan tal-ahhar jigi missier it-tifel iz-zghir taghha. L-appellat zied jghid il-kliem '*and we will fuck her up once and for all*'. Qalilha wkoll li kellha evidenza Ingrid li setghet tghinu bih u li kemm Travis, kif ukoll Eric riedu jihdulha t-tfal. Missier it-tifel iz-zghir, Eric, kien ikkomunika maghha u staqsiha x'kien qed jigri ghaliex kien ikkuntatjah Travis jghidlu li kellu l-evidenza li setghet tghinhom sabiex jiehdu t-tfal minghand Brannon. Mistoqsija ghaliex Travis seta' qed jaghmel hekk hija spjegat li dan minn dejjem kien controlling u hija ghaddiet minn vjolenza psikologika u anke fizika minn taht idejh, madankollu qatt ma kellhom kwistjonijiet fuq access. Spjegat illi kienet fethitlu kawza ghall-arretrati tal-manteniment u forsi uza din ghalhekk. Tghid li Travis kien diga pprova jaghmel dan precedentament. Spjegat kif inhi d-dar taghha u kif Conrad kien qalilha li bejn it-23 ta' Marzu u 29 ta' Gunju 2016 hu kien dahal gewwa r-residenza taghha sabiex jitfala l-actu fuq wiccha u x'hin sema li kien hemm i-tfal rega darlu. Hi spjegat illi ma tafx hux minnu li dan kien sar izda lilha kien bezzaha ghax taf li possibli li dan isir billi kienet thalli l-bieb tal-bejt miftuh u l-girien taghha ghandha tarag mit-triq li jtellahom ghall-bejt taghhom li jmiss ma taghha. L-appellat spjegalha x'kien liebes, kemm kien ilu jipprepara u li kien qed imur jogging fil-vicin sabiex in-nies

jidrawh. Hi l-ghada kienet sifret bit-tifel izda baqa' jibghatilha l-messaggi. Spjegat li ma tistax tibblukah minn x'imkien lil Conrad ghax jekk mhux minn x'imkien kien jikkuntatjaha minn x'imkien iehor. Ghalhekk hija kienet tahallilu outlet wiehed sabiex jizvoga u tibblokah mill-kumplament ghaliex inkella kienet issibu wara bieba. Tghid li hi kienet fethet qalbha mal-appellat meta kienu ghadhom f'relazzjoni, fejn kienet qaltlu li giet *sexually molested* mill-ghalliem taghha meta kellha hdax-il sena. L-appellat kien jghidilha illi sabiex tghaddi minnha tilbes ta '*school girl* u hu taparsi l-ghalliem, jergghu jghixuha u ggib il- *'power'*. Hi ghamlet zmien f'terapija b'din is-sitwazzjoni u regghet kellha taqbad tmur. Tghid li kien jitfa certu *posts* fuq Facebook *wall* tieghu fosthom li kienu jirreferu ghaliha u r-relazzjoni li kellha ma bintha u anke ghaliha personali u l-esperjenzi passata taghha li mid-dettalji taghhom tispjega li kienu ndirizzati lilha. Tghid li anke kien joqghod jibghat lin-nies li hi qas biss taf u li jkunu ghamlulha biss like jew ikkumentawla fuq xi post ta' Facebook. Hija esebiet numru ta' messaggi skambjati kif ukoll sentenzi tal-Qorti. In oltre, spjegat ukoll kif kellha tohrog it-tifel iz-zghir minn De La Salle College minhabba l-biza li hija kellha minnu.

In kontro-ezami hija tghid illi r-ritratti pornografici hija esebiethom ma dok SB3 u dawn kienu r-ritratti li gew ipprezentati mar-rikors ta' l-ex ragel taghha Travis. Tghid li f'uhud mir-ritratti hi taghraf lilha nnifisha ghalkemm wiccha ma jidhirx u hemm xi ritratt li l-appellat baghat lil Travis bi zball ghax hu filfatt ritratt tal-appellat liebes ta' mara. Tghid li certu ritratti hadhom l-appellat u ohrajn hadithom hi. Tghid li l-appellat kien ha dawn ir-ritratti bl-gharfien taghha, bl-intenzjoni li juzahom ghall-uzu privat tieghu u mhux sabiex jghaddihom lill-ex-ragel taghha biex johdilha t-tfal. Hija tghid li permess ta'dawn ir-ritratti l-appellat kien jissodisfa l-bzonn li kellu. Hi qalet illi qatt ma kellha profil falz fuq Facebook bir-ritratti taghha, izda kienu jezistu profili hekk ghax kien ghamilhom l-appellat u kien hemm xi drabi li qalilha biex taghmilhom hi ghalih. Hu kien jghidilha li ghandu hafna problemi biex johrog ir-rabja ta' meta jara lil ommu tigi stuprata u kien irid joqghod jaghmel dawn l-affarijiet u hi kienet jiddispjaciha ghalih nfatti kien qalilha fic-chats '*You tried to help me with my sexual issues*.'

**PS 422 Neil Caruana**[23] xehed nhar it-30 ta' Mejju, 2018 fejn ql li nhar il-15 ta' Gunju, 2017 gie infurmat mill-Ispettur sabiex jassisti f'kaz permezz ta' *extraction* ta' *mobile phone*, tad-data li kien hemm fuq l-istess *mobile phone*. Spjega li l-*extraction* kellha ezitu pozittiv u rritorna l-mobile kif ukoll l-extraction fuq DVD lill-Ispettur. In kontro-ezami ikkonferma li l-mobile kien tal-appellat u gie mghoddi lilu bissu l-ebda mobile iehor qas tal-parti leza.

**WPC 308 Kimberly Camilleri**[24] spjegat illi nhar l-20 t' Ottubru, 2016 marru gewwa De La Salle College sabiex jigi esegwit mandat t'arrest u tfittxija fil-konfont ta' Conrad Bajada. Tghid li saret tfittxija go kamra f' De La Salle, fejn ma gie elevat xejn u saret ukoll tfittxija gewwa 7, Autumn, Triq Gebel Hanxul, Marsaskala fejn ukoll ma gie elevat xejn. Spjegat li dan kien l-uniku nvolviment taghha. In kontro-ezami hija qalet li elevat il-mobile tal-appellat. Mistoqsija jekk inghatatx spjegazzjoni mill-Ispettur ghaliex din il-bicca xoghol kellha ssir fuq il-post tax-xoghol tal-appellat, hija wiegbet li ma tiftakarx. In ri-ezami tghid li prezenti waqt l-arrest tal-appellat kien hemm hi, l-ISpettur John Spiteri u WPC 278.

**Raymond Baldacchino**[25] xehed nhar it-3 t' Ottubru, 2018 fejn spjega illi huwa kien ilu snin attiv fi hdan il-kullegg De La Salle u kien ikun kwazi dejjem hemm hekk u allura d-direttur tal-iskola kien qabbdu certu affarijiet sabiex jipprotegu l-isem u r-reputazzjoni tal-iskola. Spjega li kienu dahlulu rapport mhux hazin fuq is-Sur Bajada, madankollu meta pprova jghaddihom dejjem sab bieb maghluq. Jgid li prova fuq li prova spicca biex wara tmienja u erbghin (48) sena ma resaqx iktar lejn l-iskola. Hu xehed illi jaf lill-appellat zghir l-iskola stess u iktar il-quddiem bhala impjegat fil-kullegg. Huwa gharfu prezenti fl-awla. Jghid li s-Sinjura Brannon kienet avvicinatu sabiex tara kif taghmel biex tohrog it-tfal mill-iskola. Hu kien ga sema hafna fuq il-kaz u hu gwidaha sabiex taghmel dan. Jghid li jumejn wara li ntemmet ir-relazzjoni bejn il-parti leza u l-appellat, dan tal-ahhar beda jipprova jwaqqaha maghhom. Darba kien

[23] Fol. 104 et seq tal-process.
[24] Fol. 114 et seq tal-process.
[25] Fol. 120 et seq tal-process.

fejn il-grada ta' barra tal-iskola u l-appellat mar jurih ritratt indicenti tal-parti leza u qallu l-kliem 'ara din l-qahba' u sabiex ikun jaf x'inhi l-parti leza. Ix-xhud spjega lill-appellat li hu li jinteressah x'jigri mill-gate il-gewwa u x'jigri mill-gate il-barra ma jinteressahx. Jiddeskrivi kif il-mobile rah milghajr izda deheret mara b'wara ppuppat il-quddiem u x'hin qallu dawk il-kelmiet, hu mill-ewwel mar ghal parti leza. Jghid li fir-ritratt kien hemm partijiet intimi jidhru minn wara u hu kien anke rrakomandalu li jissospendi ruhu mill-iskola sakemm jigi *cleared* ismu. Jghid kif il-parti leza marret tkellem lid-direttur Brother Martin sabiex l-appellat ihalliha bi kwieta u li dan tal-ahhar kien qallu sabiex ikellem l-appellat. Jghid li peress li l-appellat gie arrestat mill-iskola nqala chaos u 90% tal-istaff tal-iskola saru jafu bl-istorja.

In kontro-ezami spjega illi l-parti leza kienet avvicinatu u qaltlu li hu kien jaf x'gara u ma garax u li ma xtaqitx thalli t-tfal l-iskola fejn kien hemm ukoll Conrad Bajada. Mistoqsi dak li gie muri lilu giex muri lil terzi jghid li ma jafx. In ri-ezami jghid li kien ghall-habta ta' Marzu 2016 li l-appellat kien urieh dan ir-ritratt. Qal li l-parti leza kienet marret tkellmu wara izda kienet ghadha l-istess skola skolastika. Spjega illi l-Education Department kienu rcivew rapport anonimu dwar l-appellat u dan dwar il-kwalifici tieghu. Qal ukoll illi d-Direttur, Brother Martin, kien gibidlu l-attenzjoni dwar l-atteggament tal-appellat. Jghid li l-appellat u l-parti leza kienu frekwentament ikunu flimkien f'postijiet li ma tantx kienu jigu frekwentati fuq il-*premises* tal-kullegg.

**Travis Brannon**[26] xehed bil-lingwa Ingliza nhar il-5 ta' Dicembru,2018. Mistoqsi jikkonferma t-testimonjanza tieghu moghtija nhar is-17 ta'Marzu, 2019 quddiem l-Imhallef Mangion, huwa kkonfermaha. Spjega li kien insinat li hu kien *involut f'revenge porn conspiracy* li kien hemm involut fiha l-appellat, hu, Ingrid Anastasi u familjari tal-*parti leza*. Spjega kif qabel il-31 ta' Marzu, l-appellat prova jikkomunika mieghu diversi drabi fuq Facebook. Hu ma kienx accetta ghax ma riedx ikollu x'jaqsam fejn tidhol ir-relazzjoni tal-*parti leza,* izda mbghad l-ex partner tieghu Nicolette Vella accettat lill-appellat hi fuq Facebook. L-appellat kien qal lil Vella li hemm *issues* serji li jirrigwardjaw lit-tfal u li hu kellu jikkuntatja lill-appellat. Nhar il-31 ta' Marzu, huwa

[26] Fol. 145 et seq of the proceedings.

mar ghand ghand l-appellat li kien akkumpanjat mill-avukat tieghu. Dakinhar l-appellat urih numru ta'ritratti pornografici fejn kien qal li l-parti leza kienet tefghet fuq Facebook u li uliedu bdew jigu esposti ghal dan. L-appellat kien qallu wkoll li kienu qed isiru *striptease classes* gewwa r-residenza taghha u li uliedu bdew jigu fizikament abbuzati mal-lejl u li anke kienu jithallew wahedhom. Gimgha wara l-appellat laqqghu mal-ex-mara tieghu Ingrid taht l-impressjoni li beda jipprova jsewwi z-zwieg u ried li hu jirrakonta l-passat tieghu lil Ingrid dwar il-parti leza u dan stante din tal-ahhar bdiet tallega li l-appellat u ibni psychopaths. Ingrid kienet qaltlu li kienet qed issegwi profil taht l-isem Jones u l-pornografija li kien qed jitfa' u li hi anke kienet hadet screenshots ta' dan. L-appellat Bajada ma kien biss urih ir-ritratti izda ma kienx ghaddijomlu. Nhar it-13 t' April, hu saqsa lil Ingrid ghar-ritratti fuq Whatsapp u esebixxa c-chat li hu kellu ma Ingrid fuq Whatsapp. Xehed illi l-parti leza mhux l-ewwel darba allegat li giet stuprata minnu, minn l-appellat u anke minn ghalliem. Tant li l-parti leza kienet qalet illi t-tielet wild taghha mal-ex-ragel taghha, kien frott ta' stupru. Hu kien eskala dan kollu mal-pulizija izda qatt ma ttihdu passi.Jghid li Bajada kemm il-darba prova jikkonvincih milli juza l-pornografija kontra l-parti leza. Nhar it-22 t' April, l-appellat ikkuntatjah fuq Whatsapp u baghtlu screenshot tal-Facebook page ta' Sylvana Brannon. Hu spjega kif graw l-affarijiet kronologikament u cioe' li ngar il-31 ta' Marzu ltaqa' ma l-appellat; nhar is-7 t' April ltaqa' ma Ingrid; nhar it-13 t' April gie mghoddi l-pornografija minghand Ingrid; nhar it-13 t' April il-parti leza prezentat affidavit b'allegazzjonijiet ta' stupru; mit-13 t' April sa Lulju L-appellat beda jipprova jikkonvincih sabiex ma juzax il-pornografija kontra l-parti leza; nhar is-7 u 8 t' Awwisu l-parti leza ghamlet allegazzjonijiet ta' stupru fil-konfront tal-appellat; nhar it-22 t' Awwissu l-appellat ikkuntatjah u saqsih kif jista' jixhed. Jghid li l-appellat beda jghaddilu l-informazzjoni wara Awwissu. Kien hemm profil ta' Facebook, fejn kienu ittellghu xi ritratti, li ghal bidu haseb li jigi amministrat mill-parti leza biss izda rrizulta li kien jigi amministrat ukoll mill-appellat. Dan stante l-mod ta' kif kienet tikteb il-parti leza hekk ikkuntrastat ma dak kif jikteb l-appellat, li skont l-ex mara tieghu dan huwa *dyslexic*.

**Theresa Sammut**[27] xehedet nhar is-7 ta' Frar, 2019 fejn ipprezentat kopja legali tal-proceduri fl-ismijiet **Sylvana Bannon vs Travis Leigh Brannon** li jgibu numru 208/2016 Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

**Supretendent Jesmond Borg**[28] xehed nhar is-7 ta' Frar, 2019 fejn spjega illi kienu rcivew rapport bhala Internal Affairs fejn kienu saru diversi allegazzjonijiet mis-Sur Travis Brannon dwar l-Ispettur John Spiteri u l-ex-mara tieghu minhabba xi politku tal-Patit Nazzjonalista. L-Ispettura Sylvana Gafa' mill-Victim Support Unit kienet tkellmet ta' diversi ufficjali tal-pulizija u dawn l-allegazzjonijiet ma beda jirrizulta xejn minnhom. Is-Sur Brannon ma bediex jaccetta l-konkluzjonijiet li kienet taghtu l-Ispettura Gafa' dwar l-investigazzjonijiet kif kienu qed isiru min-naha tal-Ispettur Spiteri. Hu kien baghat email lis-Sur Brannon hu stess hu spjega illi kemm l-ISpettur John Spiteri, kif ukoll l-Ispettura Paula Ciantar, it-tnejn qed jallegaw li mill-mod kif qed jirraguna s-Sur Brannon ma kienx hemm biex jittiehdu passi ulterjuri. In oltre anke l-Ispettura Chantelle Casha kienet waslet ghal dik il-konkluzjoni wkoll. Hu qallu li ma setax jidhol fl-investigazzjonijiet li jaghmlu l-Ispetturi. Huwa fl-email kien qallu wkoll illi jista' jiehu parir legali u jaghmel proceduri ta' *Challenge*. Wissih ukoll dwar il-konsegwenzi ta' rapport falz. Wara din l-email li hu pprezenta wkoll quddiem l-ewwel Qorti, is-Sur Brannon ma regax mieghu jew mal-Ispettur Sylvana Gafa' u waqaf kollox hemmhekk.

**L-appellat Conrad Bajada**[29] xehed nhar it-13 t' Ottubru, 2021 fejn qal li kien ilu mizzewweg wiehed u ghoxrin (21) sena u kien ilu jahdem De La Salle College sitta' u ghoxrin (26) sena bhala ghalliem u *project manager* fuq il-facilitajiet tal-isport. Spjega illi f'7 ta' Lulju, 2014 il-*parti leza* Sylvana Brannon kienet baghtitlu messag fejn kien mar bhala btala, u hu ma kellux idea min kienet. Irrizultalu li kienet habiba tal-ex-mara tieghu u ghalhekk kienet taf il-background tieghu. Fl-14 ta' Lulju, 2024 baghtitlu messagg iehor u qaltlu li kienet taf li jahdem De La Salle u talbitu l-ghajnuna sabiex

[27] Fol. 189 tal-process.
[28] Fol. 206 et seq tal-process.
[29] Fol. 234 et seq tal-process.

tmur weekend il-guesthouse b'tfal ghaliex kienet qed taghmel xi xoghlijiet id-dar u minn hemm kien beda kollox. Huwa spjega li kien ghadu mizzewweg. Fl-14 ta' Lulju kienet qaltlu sabiex imur ghaliex it-tfal kienu qed jibzghu u hu mar u sab lit-tfal reqdin, lilha arwiena, gabet flixkun inbid u spiccaw raqdu flimkien. Ghal sena u xharejn minn dakinhar, hu ma kellu xi jghid xejn fuqha izda mbghad beda jiskopri certu *sexual behaviours* bhal li kienet qalet li giet stuprata sitt darbiet fosthom mill-ghalliem tal-matematika, mill-imghallem taghha u mir-ragel taghha. Mistoqsi jekk kienux temmew ir-relazzjoni f'Awwissu 2016 u li kull komunikazzjoni li kien hemm fuq il-mezzi socjali kienitx tirreferi ghalih, hu wiegeb fl-affermativ. Hu kien baqa' mizzewweg ghal disa' (9) xhur sakemm iddecieda li jghid lil mara tieghu b'kollox. Jghid li hu kien ihobbha lill-*parti leza* u li xtaq jibni relazzjoni maghha, madankollu qal li kemm ommha u kemm it-tifla taghha ma jkellmuhiex. Jghid li mhux minnu li hu stupraha anzi bil-kontra. Darba minnhom hija rabtitu mas-sodda u ghattitlu ghajnejh u hallietu hemm ghal xi kwarta u beda jghajjtilha. Meta rritornat hija qaltlu '*x'ghageb qed taghmel'*. Jghid li filwaqt li hi bdiet tbusu hass persuna ohra tmiss il-parti tieghu u meta staqsa min kienet qaltlu '*u ejja iblah, enjoy it'* u sal-prezent ma jafx min kienet din il-persuna, kienitx persuna maskili jew feminili. Jghid li kien hemm terzi involuti fir-relazzjoni taghhom u semma kif darba gewwa hotel qalet zewg *pool boys* sabiex imorru bil-lejl jarawhom jaghmlu l-att sesswali; darba bdiet taghmel *stip tease* fil-gallarija ta' *hotel* u darba minn ukoll go karozza ma habib tieghu wkoll. Jghid ma jafx x'kien tah ghax l-ex-mara tieghu ma kienitx hekk. Hu jghid li ghandu kopja tal-posts ta' Facebook u ritratti li kienet ghaddiet l-ex-mara tieghu, kif kienet ghaddithom ukoll lill-ex-ragel ta' Sylvana Brannon. Jghid li kien jaf bil-profil falz taht l-isem Samantha Jones u li Sylvana kienet baghtet friend request lill-ex-mara tieghu sabiex turiha x'partner ghandu r-ragel taghha. Jghid li dan mhux *revenge porn* izda x'tellghet hi u cioe' l-*parti leza* fuq Facebook. Jghid li dawn ir-ritratti ghaddithomlu l-mara tieghu. Hu esebixxa wkoll ritratti li qal li baghtitomlu hi stess taghha ma persuna ohra u meta affacja lil din il-persuna hu qallu '*taghmel li trid'* ghax dan persuna *single*. Dan gara ftit wara li temmew ir-relazzjoni. Jghid li hajtu sfaxxat u anke tilef il-hbieb. Jghid li l-*parti leza* ihakkjat il-mobiles tieghu u ta' uliedu. Jghid li ghamlitlu hsara kbira fuq il-post tax-xoghol. Mistoqsi jekk baghtx ritratti taghha lil terzi persuni, hu wiegeb fin-

negattiv. Hu jghid *'I only gave them to her husband, mhux jien propja, il-mara tieghi taghthom lir-ragel taghha'*. Hu jghid li r-ritratti tal-*parti leza* waslu ghand l-ex-ragel taghha ghaliex dan tal-ahhar kien qallu. Jghid li meta marru jfittxu l-pulizija d-dar tal-*parti leza* sabu hmistax (15) -il fajl b'65,000 messaggi sa mill-bidu li bdew johorgu flimkien. Jghid li darba minnhom anke riedet tmur Londra go lukanda biex jiswappjaw il-*partners*. Hu jghid li temm kollox u rega' beda *marriage counselling* mal-mara tieghu.

In kontro-ezami jghid li wara li temm ir-relazzjoni ma Brannon huwa sar jobodha ghax kissritlu l-familja u ghax bdiet itella' posts fuq il-media socjali li hu stupra u tilef kollox minhabba dan. Huwa ammetta li kellu ritratti privati tas-Sinjura Brannon. Mistoqsi s-segwenti: '*Naqblu li kien hemm ritratti li inti biss kellek access ghax kienu ritratti bhala parti mir-relazzjoni*?' U l-appellat wiegeb '*Yes u l-mobile ghadu ghandek.*' Jghid madankollu li qatt ma xerridhom. Jghid li Brannon qatt ma qaltlu biex ma jxerridx ir-ritratti. Jghid li l-mara tieghu ghaddiethom ir-ritratti u jghid li r-ritratti ta' *revenge porn* kienu dawk li tellghet il-*parti leza* stess fuq Facebook fejn setghet tara kollox l-ex-mara tieghu. Jghid li lil mara tieghu kien uriha r-ritratti tal-facebook, Mistoqsi mill-Magistrat jekk ir-ritratti li wera lill-Ingrid kienux oltre dawk li kien hemm fuq Facebook, hu wiegeb '*I can't say yes or no because I don't know what photos he's talking about.*' Hu jghid li darba ltaqa' m'Ingrid u beda juriha r-ritratti minn fuq il-mobile tieghu. Mistoqsi jekk il-profil bl-isem Samantha Sammy Jones kienx holqu hu, jghid li mhux minnu. Dwar meta l-parti leza hadulha t-tfal jghid li jaf mhux ghax qallu Travis Brannon. Jghid li hu ma pprovdiex lil Travis bir-ritratti. Jghid li lil Travis u wrieh biss ritratti minn Facebook. Jghid li hu wera lil Travis ritratti u chats mill-mobile tieghu izda ma batlu xejn. Mistoqsi jekk Travis Brannon xehedx falz quddiem l-ewwel qorti, hu wiegeb li ma jafx. Jikkonferma li hu dyslexic u jghid li l-profil ta' Samantha Sammy Jones kien jaf bih izda ma holqux hu.

**Anthony Perry**[30] xehed nhar it-30 ta' Jannar, 2023 fejn qal li kien jahdem fl-Accounts De La Salle College u huwa wkoll habib tal-appellat. Spjega li gieli siefru u marru

[30] Fol. 447 et seq tal-process.

Ghawdex flimkien u maghhom kien ikun hemm ukoll Bro Martin u Ray Baldacchino. Qal li s-Sinjura Brannon ma jafhiex.

**Ikkunsidrat,**

Illi preliminarjament, jirriżulta li meta l-appellat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, skont il-liġi in vigore ta' dak iż-żmien huwa kellu d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur legali qabel it-tehid tal-istqarrija iżda ma kellux dritt li jkollu Avukat preżenti waqt ir-rilaxx tal-istqarrija. In oltre, dak iz-zmien kienet tapplika r-regola tal-inferenza u ghalhekk jekk akkuzat wara li jiehu parir legali, matul l-interrogazzjoni jaghzel li jezercita d-dritt tas-silenzju jew ihalli xi fatti barra, il-Qorti jew il gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korroborattiva, jekk matul il process l-akkuzat iressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatti li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni. Għaldaqstant din il-Qorti f'dan ir-rigward tagħmel referenza fis-sħiħ għas-sentenza dettaljata tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Trevor Borg**[31]. Illi stante li l-appellat ma kellux id-dritt li jkun akkumpanjat minn avukat tal-għażla tiegħu matul l-interogazzjoni, din il-Qorti sejra tqis l-istqarrija tal-appellat, kif ukoll kwalunkwe referenza għaliha bħala inammissibli u għalhekk mhux sejra tieħu konjizzjoni tagħha.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Illi primarjament din il-Qorti tghid illi hija tinsab rinfaccata b'verzjonijiet kontrastanti ghall-ahhar. Min-naha wahda l-parti leza Sylvana Brannon qed tishaq illi l-appellat ghandu jinstab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u min-naha l-ohra l-appellat jirrezisti l-kaz tal-prosekuzzjoni, filwaqt li jemmen li bhall-Ewwel Qorti, din il-Qorti ghandha tilliberah minn kull akkuza. Din il-Qorti tfakkar illi l-ikbar sfida li jigu rinfaccati biha l-Qrati taghna, specjalment f'kazijiet ta' dan it-tip, hija li jaslu ghall-verita' storika u dan stante li x-xhieda jistghu jkunu konsistenti kemm fil-verita', kif ukoll fil-gideb. In oltre, xhud jista' jigi emmnut f'dak kollu li jghid jew biss in parte.

[31] Deciza nhar il-31 t' Ottubru, 2023

Illi sabiex Qorti tasal ghall-htija t'akkuzat trid tkun moralment konvinta illi l-prosekuzzjoni ppruvaw il-kaz taghhom minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni. L-akkuzat u/jew f'dan il-kaz l-appellat, mhux mistenni jgib l-ebda prova izda jekk jiddeciedi li jgib il-quddiem xi prova, l-grad li jrid jilhaq skond il-ligi huwa sal-grad tal-probabbli.

Dwar it-tielet u r-raba' imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta li dak iz-zmien meta allegatament saru r-reati kien jaqra hekk:

> *49. Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
> *(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
> *(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
> *(c) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan lAtt u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jumli matulu jkompli r-reat*

Illi l-akkuzi migjuba kontra l-appellat jaqghu taht dak dispost fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina d-disposizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh in segwitu ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Calleja** fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawza kien gie akkuzat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Ligi. Hawnhekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna taghmel uzu mit-telefon/media socjali sabiex thedded, taghmel estorsjoni, timmalafama u tingurja persuna ohra u li taghmel kwalunkwe uzu iehor mhux xieraq.

Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007' ntqal:

> *"DR PETER GRECH: Bħalissa fil-liġi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief subparagrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jiġifieri li wieħed juża apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorċi flus, iġiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor. [...]*
>
> *DR PETER GRECH: Issa li ġara huwa nqalgħet diffikulta' fil-qorti dwar xi tfisser improper use. Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone użajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk użajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bżonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niċċaraw x'ifisser improper use. Tħalliet il-klawsola ġenerali "or makes any other improper use thereof"* ***imma ġie iżjed speċifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jiġi projbit, li tuża aparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija."*** *(enfasi tal-Qorti)*

Illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "uzu iehor mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il-kappa tax-xemx, maghdua kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament **fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti.**

Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghall-intepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:

> *'**Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid.**' (enfasi tal-Qorti).*

Illi dwar l-akkuza ta' theddid permezz ta' uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Joseph Gauci</u>**[32] il-Qorti trattat dwar l-elementi tar-reat ta' theddid u kkonkludiet propju illi:

> *'Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv.'*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Omissis u Simona Vella</u>**[33] fejn kien gie deciz hekk: '

> *'Il-kelma 'purċinell' hija ġenerika ħafna. Il-Qrati tagħna aċċettaw espressjonijiet li potenzjalment jistgħu jkunu aktar offensivi minn hekk u sabu li dawn jingħadu fuq kulħadd bla distinzjoni u għalhekk mhux inġurjużi. L-istess qed tikkonkludi din il-Qorti dwar din il-kelma 'purċinell' għaliex din il-kelma tingħad għal kull ħaġa ta' xejn u **<u>mhux xi kelma li tattakka xi karateristika jew għemil specjali li jintrabtu ma' persuna partikolari</u>**.'*

Issa din il-Qorti tosserva illi dan il-kaz jitratta dwar theddid u uzu mhux xieraq li sehh permezz ta' diversi platforms, fosthom Facebook, Whatsapp u messaggi. Din il-Qorti tixtieq tghid illi l-proceduri huma sajma minn certu provi essenzjali. Minkejja li gie elevat il-mobile tal-appellat, dan ma jirrizultax li gie esebit fl-atti tal-kawza. Ghalkemm jirrizulta minn fejn dan il-mobile gie elevat, qatt ma gie kkonfermat il-linja lil min kienet tappartjeni. Ix-xhud Ray Baldacchino sahansitra jghid illi l-linja kienet originarjament registrata fuq id-Direttur ta' De La Salle College u mhux fuq l-appellat. Lanqas ma ngieghbu jixhdu *service providers* sabiex jikkonfermaw fuq min hija reġistrata il-linja li kienet tintuza fuq dan il-mobile u anke sabiex jixhdu u jikkonfermaw dwar in-numru tac-cellulari tal-parti leza.

[32] Deciza nhar it-12 ta' Gunju, 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[33] Deciza nhar l-24 ta' Marzu, 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi din il-Qorti hija tal-fhema illi kellhom ukoll jingiebu jixhdu l-individwi li l-*parti leza* allegat li kien ikellimhom l-appellat fuq Facebook u jghidilhom certu affarijiet dwar l-istess *parti leza*. Illi ghal xi raguni lanqas m'assistew ic-*cybercrime* sabiex jassistu u janalizzaw il-kaz. Jidher li f'dan ir-rigward ma saru l-ebda investigazzjonijiet da parti tal-prosekuzzjoni sabiex jistabilixxu u jidentifikaw l-IP addresses minn fejn intbaghtu l-emails esebiti mill-parti leza u oltre minn hekk minn fejn u min kien qed jiccirkola r-ritratti indicenti fuq il-media socjali. Sfortunatament certu *screenshots* esebiti mill-partijiet lanqas ma hemm data ndikata, xi haga essenzjali meta wiehed jikkunsidra anke kif hargu l-akkuzi kontra l-appellat. In oltre, ghalkemm huwa minnu li mill-*extraction* li saret mill-mobile tal-appellat jirrizulta li hemm xi ritratti ta'natura sesswali ma jirrizultax mill-provi li dawn gew cirkulati minnu.

In oltre, din il-Qorti hija tal-fhema li dan hu kaz huwa frott ta'tilwim bejn koppja adulta li kienu f'relazzjoni li sfaxxat fix-xejn. Sfortunatament mhux l-ewwel darba illi din il-Qorti tkun rinfaccata bi problem simili. Din il-Qorti zgur ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda tal- ufficjal prosekutur u dan ghaliex huwa qed jixhed minn dak li qaltlu l-*parti leza* u mhux minn dak li jaf *di scienza prorprja*. Xhieda ohrajn apparti l-*parti leza* u l-appellat, kienu Travis Brannon u Ray Baldacchino. Il-Qorti evalwat dak kollu li xehedu, madankollu kkunsidrat ukoll il-fatt li s-Sur Brannon ghandu passat ta'kunflitti mas-Sinjura Brannon u l-appellat ma kienx baqa' habib mas-Sur Baldacchino. Sahansitra l-Qorti nnutat ukoll permezz tal-verbali kif iz-zewg xhieda gew mitkellma fil-kuritur tal-Qorti qabel xehedu. Din il-Qorti tenfasizza ill hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u ghaldaqstant il-prosekuzzjoni hija obbligata li tressaq l-ahjar prova kemm dik favur, kif ukoll dik kontra. Meta wiehed jikkonsidra l-provi ammissibli, din il-Qorti hija tal-fhema illi l-grad rikjest mill-ligi ma giex milhuq mill-prosekuzzjoni u ghalhekk l-apprezzament tal-provi mil-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tielet u r-raba' mputazzjonijiet kien wihed tajjeb u gust.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel aggravju hekk kif imressaq mill-Avukat Generali fit-totalita' tieghu. In oltre, qeghda wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni aggravju tal-Avukat Generali u dan fejn

jirrigwardja apprezzament ta' provi tal-ewwel, it-tieni, l-hames, is-sitt u seba' imputazzjonijiet stante li l-Avukat Generali ma kellux lok t' appell taht l-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Finalment, din il-Qorti qeghda tichad it-tieni aggravju hekk kif imressaq mill-Avukat Generali u dan fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u dan stante l-fatt li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**